## Qorti tal-Appell Kriminali

Imħallef Onor.Givoanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 420/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nobert Ciappara)**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Kevin Spiteri**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kevin Spiteri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 258678 (M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

**L-imputazzjoni:**

Talli f'dawn il-Gżejjer fit-28 t'Ottubru 2006:

(a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina lil cioe' Eugenio Lanzon ta' 17-il sena minn Birkirkara, liema droga hi speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta'

Malta lil persuna jew persuni għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħjar ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportażżjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħjar ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

*(b)* Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta me kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esprotazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif ussegwentement emendati u bi

ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, *liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.*

(ċ) u aktar talli kellu fil-pussess tiegħek ir-raża meħud mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi skur tal-artikoliu 8(a) tal-Kap 101.

(d) talli hedded lil Eugenio Lanzon u dan bi ksur tal-artikolu 249(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Is-sentenza tal-ewwel Qorti:**

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Settembru, 2015 li biha sabet lill-imputat **mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (d)** miġjuba kontra tiegħu u minnhom illiberatu <u>izda</u> sabitu **ħati tal-imputazzjonijiet (b) u (ċ)** u kkundannatu fir-rigward tal-imputazzjoni (b) għall-piena ta' għaxar (10) xhur priġunerija effettiva – li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li għamel taħt arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn qed jinstab ħati tagħhom u multa ta' tmien mitt Euro (€800) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Ewro (€50). L-ewwel pagament għandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-kundanna tal-piena karċerarja u għal dan il-għan ir-reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji dwar din id-data b'dan illi jekk jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ dovut ikun minnufih konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

Fir-rigward tal-imputazzjoni (ċ), bl-applikazzjoni tal-Artikoli 4 (1) u (2) tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati ġie kkundannat għall-penali ta' ħamsin Ewro .

Il-Qorti kkundannat ukoll lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż dwar il-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ammont ta' (Lm86.14) ekwivalenti għas-somma ta' mitejn Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€200.65) konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, u €290.53 konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Avv, Dr Martin Bajada, liema spejjeż b'kollox jammontaw għas-somma ta' erba' mija, wieħed u disgħin Ewro u tmintax-il ċentenżmu (€491.18) u għandhom jitħallsu mill-imputat fi żmien sena mid-data tas-sentenza;

L-ewwel Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga Dokument NC 2, hekk kif din is-sentena tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proces verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi inserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax –il jum minn tali distruzzjoni.

Inoltre ordnat ukoll il-konfiska tas-somma ta' disa' mija, tnejn u tmenin Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (982.99Ewro) , oriġinarjament erba' mija tnejn u għoxrin Lira Maltin (Lm422) esebiti bħala Dok NC u NC 1 favur il-Gvern ta' Malta.

Attirat ukoll l-attenzjoni tad-Direttur tal-Ħabs li huwa ferm importanti li l-ħati jingħata l-kura u l-għajnuna kollha neċessarja, inkluż għajnuna psikoloġika u psikjatrika skont il-ħtiġijiet tiegħu u r-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti involuti prezentement fil-kura tiegħu u għal dan il-għan,

ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Ħabs.

Finalment ordnat ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Eugenio Lanzon in konnessjoni mar-reat ikkontemplat fl-artikolu 104 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dan il-għan, ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija;

**Ir-Rikors tal-appell:**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Spiteri ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-6 t'Ottubru 2015 li bih tahab lil din l-Qorti jogħġobha:

**tikkonferma** l-parti tas-sentenza fejn huwa kien lliberat mill-imputazzjonijiet (a) u (d) kif ukoll il-piena mogħtija għall-imputazzjoni (ċ) fejn huwa kien kkundannat iħallas penali ta' ħamsin Ewro;

**tirrevoka u tħassar u tirriforma** l-parti tas-senteza li sabitu ħati tal-imputazzjoni (b) u dana stante illi jirriżulta bl-aktar mod ampju u ċar illi d-droga li nstabet fuq il-persuna tiegħu kienet għall-użu personali;

**Tirrevoka, tħassar u tannulla** l-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż dwar il-ħatra tal-esperti, speċjalment ta' Dr Bajada illi ma kienx espleta l-inkarigu tiegħu;

**Tirrevoka, tħassar u tannulla** l-parti tas-sentenza illi ordnat il-konfiska tal-ammont ta' disa' mija, tnejn u tmenin Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (982.99Ewro) u dana stante lli minn imkien ma jirriżulta illi dawn il-flejjes kienu frott ta' attivita' llegali.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat :

1. L-aggravju tal-appellant huwa essenzjalment wiehed dwar l-apprezzament zbaljat tal-provi, anke jekk hu stess jiddikjara li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti. Il-Qorti qed tissenjala dan il-fatt mhux bi kritika ghall-apparenti zball tipografiku izda sabiex tezalta aktar precizjoni fir-redazzjoni ta' atti ta' mportanza bhal dak odjern. Gia fir-rendikont tal-fatti in dizempju ta' dak rikjest mill-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali partikolarment l-artikolu 419(1)(a), l-appellant jirrakonta hwejjeg li qatt ma kienu jifformaw parti mill-fatti. Il-fatti ta' dan il-kaz huma, fis-semplicita' taghhom, li l-appellant tressaq quddiem l-ewwel Qorti wara li kien sar rapport kontra tieghu minghand persuna minorenni li allegat li kien qed ikun ivvessat mill-imputat biex jixtri d-droga minghandu. Intercettat mill-Pulizija, instabet droga fuq il-persuna tal-imputat f'cirkostanzi li l-prosekuzzjoni fehemet li din ma kienitx ghal-uzu esklussiv tieghu;

2. Igifieri, li l-appellant jibda r-rakkont tal-fatti b'incident awtomobilistiku li kellu tmien snin qabel u li kien jikkonsma d-droga biex itaffi l-ugiegh huwa kollu zbaljat ghaliex dik

kienet wahda mill-linji difensjonali u mhux fatt tal-kawza. L-appell jirrikjedi biss kjarezza fl-esposizzjoni tieghu sabiex ikun evitat hafna delungar f'kunsiderazzjonijiet bi twegiba ghall-esposizzjonijiet li frankament ma jkunu ta' ebda rilevanza;

3. Ventilat dan, u dan bl-ebda riflessjoni fuq l-avukat difensur li llum qieghed diversament jassisti lill-appellant, jokkorri li jkunu ezaminati l-fatti f'aktar dettall bil-ghan li din il-Qorti tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

4. Mid-deposizzjonijiet tal-**ufficcjali tal-pulizija** jirrizulta illi fit-28 t'Ottubru, 2006, ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, l-minorenni Eugenio Lanzon kien acceda gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara u rraporta li xi hadd bl-isem ta' Kevin mgharuf bhala s-Satanist kien ittenta jbieghlu d-droga *smack* u li dan il-persuna heddu li kemm il-darba ma jixtrix minghandu kien ser jisparalu u joqtlu. Il-Pulizija bdiet tfittxija minnufih ghal dan il-persuna li mill-ewwel instab fl-inhawi u ngieb l-ghassa. Appena nfurmat bir-raguni tal-arrest u li kienet ser ssir tfittxija fuqu, l-imputat hareg il-wallet tieghu u minghajr ma ntalab hareg minnu bicca li qal li kienet cannabis u li din kienet ghall-uzu personali tieghu. Fil-kors ta' *strip search* waqghet borza mill-qalziet ta' taht tieghu li kien fiha trab kannella u l-imputat nforma li dik kienet eroina ukoll ghall-uzu personali tieghu;

5. Minn tfittxija fil-wallet irrizultat is-somma ta' LM62 li deher li kienu mqassmin b'mod sistematiku uhud minnhom

mqeghda b'mod vertikali u ohrajn orizzontali. Minn tfittxija fir-residenza tal-imputat ma rrizulta xejn li kellu konnessjoni mad-droga izda instabet s-somma ta' LM 360. Fl-istess wallet irrizultaw ukoll zewg karti tal-identita' ta' zewg terzi persuni;

6. **Il-minorenni**, li dak iz-zmien kellu sbatax-il sena u hdax-il xahar, xehed dak appena rikapitolat *supra* fl-inkontru tieghu mal-imputat u preciza illi ghall-ewwel l-imputat kien talbu xi flus dwar CD izda meta rrifjuta talbu jmur jiehu l-ismack minghandu. Malli rrifjuta u talbu jhallieh bi kwietu, l-imputat avzah li xi darba jew ohra kien ikollu jiehu u jekk le kien jasal jisparalu u joqtlu. Ghalhekk mar l-ghassa mwerwer segwit minn missieru li kien semghu jilletika mal-imputat. Iddikjara illi seba xhur qabel kien ghamillu offerta fil-passat biex jixtri l-haxixa izda qatt ma xtara minghandu;

7. **Missier il-minorenni** xehed illi dakinhar kien qed jiehu kafe' f'bar vicin l-ghassa ta' Birkirkara meta wasal ibnu u talbu biex imur isikket lil Kevin ghaliex kien rega' qabad mieghu u ghalhekk heggu biex imur jghamel rapport. Jghid li ma kien sema' ebda diskors bejn ibnu u Kevin u dak li jaf kien sar jafu minghand ibnu;

8. L-espert tal-Qorti, ix-xjenzat **Godwin Sammut**, in disimpenju tal-inkarigu moghti lilu mill-Qorti kkonkluda, li t-trab kannella fl-ammont ta' 4.43 gramma kien eroina b'purita' ta' cirka 15%. Oltre dan irrizultaw ukoll .66 grammi ta' tetrahydrocannabinol f'purita' ta' 20%. L-espert tal-Qorti, Martin Bajada, imbaghad pprezenta r-relazzjoni tieghu

konsistenti fl-estrazzjoni tal-informazzjoni kollha kontenuta f'zewg telefon cellulari u zewg *sim cards* .

9. L-imputat **Kevin Spiteri** xehed illi lill-minorenni ma jafux izda jaf biss li hu minn Birkirkara u ma jafx ghaliex dan ma jahmlux. Jaf illi iz-ziju tal-minorenni ibigh il-hut fuq il-monti u kull darba li jghaddi minn hemm johrog is-sikkina u joqghod jillimaha minkejja li qatt ma ghamel xejn lil dawn in-nies, igifieri l-familja tal-minorenni. Pero' jikkoncedi li l-minorenni u zijuh ghandhom kwistjoni mieghu izda ma jafx dwar x'hiex. Huwa spjega kif dakinhar li kien arrestat kien ghadu kemm xtara hames grammi eroina peress illi kien juzahom biex itaffi l-ugiegh ghaliex il-*pain killers* ma kienux qed jaqblu mieghu. Malli ghadda minn hdejn l-ghassa saritlu search. Cahad li hu jbiegh id-droga eroina la darba dik hi l-medicina tieghu;

10. L-imputat jaghmel referenza ghall-istqarrija tieghu li kien ta lill-pulizija u jikkoncedi li dakinhar kien ra lill-minorenni u spjega li f'xi zmien kien silfu CD u peress illi kienet orginali kien talab lill-minorenni jroddhielu lura u dan tal ahhar qallu sabiex ihallih ghaliex ma kellux mohhu u ghalhekk baqa' sejjer izda meta hares lura rah gej jigri warajh b'sikkina. Meta ghadda minn quddiem l-ghassa l-Ispettur Kevin Farrugia staqsieh x'ried u meta qallu li kien mar biex jaghmel rapport qallu biex jibqa' sejjer u mar jixtri l-ikel ghas-serp u hames grammi. Meta rega' ghadda minn quddiem l-ghassa ghamlulu s-search u mistoqsi minn fejn xtara l-hames grammi jghid li ma jiftakarx;

11. Dan il-process, izda, kien karaterizzat b'deposizzjoni ulterjuri ta' natura recettorja tal-minorenni meta rega' xehed tmien snin wara. F'din l-ahhar deposizzjoni spjega li kien jaf lill-imputat meta kien ghad ghandu 11-il sena u li kien jixtri l-haxixa minghandu bid-dejn gewwa bar fejn kien imur jilghab il-billiard. Grazzi ghall-imputat ghamel disa' snin vvizzjat bid-droga u bid-dejn mieghu u man-nies, izda llum il-gurnata heles minn dan il-vizzju. F'din id-deposizzjoni rega' kkonferma li dakinhar l-imputat kien mar ibieghlu d-droga. Inizzjalment kien kellmu dwar xi CD's izda imbaghad offrielu biex ibieghlu d-droga u meta rrakkonta dan lill-missieru, heggu biex imur l-ghassa mill-ewwel. Mitlub jippreciza, xehed li ma kienx dakinhar li l-imputat prova jbieghlu d-droga izda li dakinhar kien talbu jroddlu lura xi CD's u dwar l-eroina ma qallu xejn. Meta allura ghamel ir-rapport, tant kien irrabjat li kixfu dwar kollox u kien mar l-ghassa ghaliex heddu;

12. F'din id-deposizzjoni ix-xhud kategorikament jichad il-veracita' tar-rapport tieghu lill-Pulizija meta rraporta li l-imputat kien mar fuqu u offra li jbieghlu l-ismack. Jghid li forsi kien qal hekk bil-biza' ghaliex kien ghadu zghir. Jikkonferma ukoll li l-imputat kien mar fuqu ghar-rigward tas-CD's: "*Hu minhabba is-CD's kien gie. Dakinhar qas kien semmieli xejn fuq droga u affarijiet hekk. Imbaghad dakinhar inhraqt jien u kxiftu ta' kollox*" (fol 157). Lanqas ma jiftakar xi diskors ta' theddid ta' qtil bi sparatura, anzi jghid li qatt ma semmielu pistoli: "*Ma qallix hekk ta Kevin, ma qallix li ser jisparali. Zgur li le*". (fol 159).

13. L-ewwel Qorti semghet ukoll bhala xhud lit-tabib **Dr. Anthony Dimech** li ddikjara li kien ilu jaf lill-imputat ghal dawk l-ahhar hames snin fil-kapacita' tieghu ta' psikjatra tad-Detox ta' San Luqa. B'hekk kien jaf lill-imputat bhala persuna li jaghmel uzu mid-droga izda li kien irnexxielu johrog mill-vizzju. L-imputat ibghati minn problemi ta' emozzjonijiet kawza ta' incident li kellu qabel ma sar jafu u l-uzu tad-droga huwa relatat ma' dan l-incident biex jikkontrolla l-ugiegh izda kemm ilu taht il-kura tieghu irrizulta negattiv ghall-uzu tad-droga. Madankollu l-impatt tal-incident fuq l-imputat kien tali li jirrikjedi tahlita ta' medicinali li ma jinghatawx lill-kulhadd;

14. **Vicky Scicluna,** adetta mal-Agenzija Sedqa xehedet illi kienet ilha taf lill-imputat 'l fuq minn ghaxar snin. Huwa kien irrikorra ghall-ghajnuna tal-Agenzija minhabba t-trawma li lissen fih l-incident li kellu li biddillu hajtu kompletament. Maz-zmien l-imputat kien ammetta mal-adetti tal-Agenzija li kellu problema ta' droga li kien juza ghal *self medication* li zviluppat f'vizzju. Fl-2007 beda programm ghar-riabilitazzjoni mill-uzu tad-droga u dan kien ta' success tant li ghamel hafna progress u llum il-gurnata (dakinhar li xehedet) l-imputat huwa hieles mill-vizzju. Din ix-xhud kif ukoll dak ta' qabilha, dahlu fid-dettall dwar il-problemi fizici u psikologici tal-appellant naxxenti mill-incident awtomobilistiku u l-ugiegh gravi li jgorr mieghu izda din il-Qorti mhix tal-fehma li dan ghandu jkun hawn riprodott halli b'hekk tkun rispettata l-privatezza tieghu anke jekk kien hu stess li ressaq lil dawn ix-xhieda;

15. **Marianne Zammit,** Ufficcjal tal-Probation, spjegat kif kienet giet a konoxxenza tal-imputat meta inkarigata thejji *pre sentencing report* u fid-diskussjonijiet ta' bejniethom dejjem kien jiddomina dan l-incident awtomobilistiku. **Missier** l-imputat spjega kif qabel l-incident, ibnu kien jahdem b'mod regolari, kien habrieki u qatt ma tah problemi. Anke fil-prezent huwa ma jara ebda hazen fih. Wara li hareg mill-isptar kien jiehu hsiebu hu u hu l-imputat ghaliex kien ikun bil-krozzi u llum mhux kapaci jahdem minhabba saqajh;

16. L-imputat esebixxa ukoll kopja ta' faxxiklu tal-istorja medika tieghu mmarkat Dok LP in sostenn tal-ilmenti fizici tieghu u l-problema liema dokumenti jakkludu konkluzzjonijiet ta' Dr. Peter Muscat, espert psikjatriku mahtur mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Kevin Spiteri vs Carmel Mallia Citaz. Nru 506/2008 FS, kif ukoll tal-konsulent kirurgu tal-orthopaedia Mr. Frederick Zammit Maempel.

**L-appell:**

17. L-ewwel Qorti ma sabitx htija fl-imputat kwantu l-ewwel u r-raba' imputazzjoni, igifieri dik ta' traffikar ta' droga u dik ta' theddid fil-konfront tal-minorenni. Mandankollu sabet htija fit-tieni u fit-tielet imputazzjoni, igifieri dik ta' pussess ta' droga eroina f'cirkostanzi li turi li ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu u dik ta' pussess tad-droga cannabis. Ezaminat ir-rikors tal-appell huwa evidenti illi l-aggravju singolari tal-appellant dwar l-apprezzament zbaljat

tal-provi huwa ffukat fuq l-imputazzjoni (b) dik komunement msejha ta' pussess aggravat tad-droga eroina;

18. L-appellant jikkoncedi li l-ewwel Qorti gustament ccitat s-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marius Magri tat- 12 ta' Mejju, 2005 u Il-Pulizija vs Brian Caruana tat-23 ta' Mejju 2002 bhala bazi ghal-principju tat-tfitxija fil-provi biex ikun determinat jekk id-droga misjuba kienitx ghall-uzu personali jew biex tkun spaccata.

**Nullita' tar-rikors tal-appell:**

19. Illi fl-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2017 din il-Qorti osservat li t-talbiet tal-appellant fir-rikors tal-appell tieghu huma xi ftit konfuzi meta kwantu ghat-tieni imputazzjoni jitlob lil Qorti "tirrevoka, thassar u tannulla u tirriforma" dik il-parti tas-sentenza. Ghalkemm fil-passat talba konsimili kienet tqanqal dibattitu dwar il-possibbli natura fatali taghha, llum il-gurnata dan huwa salvat *per ius superveniens* fit-termini tal-emendi fl-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali li jaghmel applikabbli s-subartikoli (4), (5) u (6) tal-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta. Konsegwentement ma hemm l-ebda htiega li din il-Qorti tinoltre aktar dwar dan il-punt;

**Fil-mertu:**

20. L-appellant jelenka erba' indizji li kellhom jikkonvincu lill-ewwel Qorti li d-droga kienet ghall-uzu personali tieghu u li ma kienitx intiza ghall-ispacc. Dawn qed ikunu riprodotti verbatim:

*Id-droga eroina kienet go borza wahda u mhux imqassma fi qratas; Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-esponenti, ma nstabu ebda oggetti relatati ma' droga jew ma' traffikar ta' droga; Lanqas instab ebda mizien, tant illi l-esponenti kellu l-impressjoni illi kien xtara hames grammi, pero fil-fatt, kellu 4.43 grammi; Illi l-ammont ta' LM360 li nstabu fir-residenza kienu gew indikati mill-esponenti stess lill-Pulizija, u fil-fatt kien ta' spjegazzjoni dwarhom. L-ispjegazzjoni minnu moghtija kienet illi dan l-ammont ta' flus kien misluf minnu minn habiba tieghu Anna biex jintavola proceduri fil-Qorti Civili dwar incident illi kellu bil-mutur.*

21. L-argumenti mressqa mill-appellant issa ser ikunu konsiderati *seriatim:* Fl-ewwel ragunament tieghu, l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti bbazat il-gudizzju taghha fuq ragunament matematiku abbinat mad-dhul u l-ispejjez tieghu izda naqset milli tiehu in konsiderazzjoni li dak iz-zmien kien jirrisjedi ma' missieru. Ezaminata din il-parti tas-sentenza, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

"*Dwar din id-droga, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-jum in kwistjoni, l-imputat qal li huwa ma jahdimx, izda jirregistra u li jircievi beneficcji socjali fis-somma ta' LM36 fil-gimgha u cioe LM144 fix-xahar. Qal li huwa ghandu l-vizzju tad-droga, li juza l-eroina u l-cannabis u li l-eroina jehodha bil-labra. Qal li ghall-eroina hallas il-prezz ta' LM100 u ghar-raza tal-cannabis, hallas LM5 u cahad li qatt biegh l-eroina. .../.... Issa fl-ewwel lok, jirrizulta illi d-droga eroina misjuba fil-pussess tal-imputat kienet f'borza wahda u skond hu, kien ghadu kif xtraha bil-prezz ta' LM100 ftit mumenti qabel l-arrest tieghu. It-trab f'din il-borza kien jikkonsisti f'piz ta' 4.43 grammi,*

*filwaqt li huwa jghid li xtara hames grammi u li hames grammi kien jixtirhom bil-prezz ta' Lm100 – pizijiet dawn li m'humhiex negligibbli u lanqas ma huma normalment abbinata ma' uzu personali, tant illi l-ligi stess fl-Artikolu 4(1) tal-Kap 537 tabbina kwantita ta' zewg grammi jew inqas mal-uzu personali. X'aktarx u huwa verosimili illi l-fornitur tieghu biegh lill-imputat 4.43 grammi bl-intiza li dawn kienu hames grammi. L-imputat jghid illi huwa jiehu pakkett ta' Lm5 jew LM10 kulljum u li pakkett ta' Lm5 jiehdu zgur, li jfisser ghalhekk li l-imputat kien jaqsam id-droga li jixtri f'dozi. Issa jekk l-imputat kien jiehu pakkett ta' LM5 jew Lm10 kulljum, dan ifisser li ma kienx jiehu izjed minn 0.2 grammi kulljum, anke tenut kont tal-fatt illi doza tipika tal-eroina hija bejn 0.1 u 0.2 grammi. Fil-fatt jekk wiehed iqis illi bi gramma, huwa kien jaghmel gimgha jew inqas, ifisser ukoll illi huwa kien jiehu cirka 0.14 grammi jew ftit izjed kulljum. Issegwi wkoll necessarjament il-mistoqsija: ghalfejn l-imputat xtara din id-droga kollha f'daqqa meta l-uzu li kien jaghmel minnha kulljum kien ferm inqas minn dan l-ammont u meta allura skond dak li qal hu, hames grammi eroina kienu ser iservuh bejn erba' u hames gimghat? Hawn qed nitkellmu fuq persuna li tippercepixxi ghajnuna socjali ta' Lm144 f'xahar ossia LM36 f'gimgha u li f'salt wiehed xtara b'Lm100 eroina. Veru li x-aktarx l-imputat kien qed jiffranka l-flus jekk jixtri Lm100 eroina f'daqqa minflok pakkett ta' Lm5 jew Lm10 kulljum, izda bniedem li bilkemm ghandu ghajxa ta' lejla u li jghix mil-lum ghal ghada u li jrid jara kif u b'liema mezzi ser isostni l-vizzju tieghu. Kif inhu risaput, bniedem li jkollu l-vizzju tad-droga u li jabbuza mid-droga kuljum, kif pinga lilu innifsu l-imputat, lanqas ikollu flus biex jixtri d-droga u dak il-ftit*

*jkollu juzah biex jixtri pakkett jew tnejn u certament mhux hames grammi. Inoltre, jirrizulta wkoll illi fil-kartiera tieghu, l-imputat kellu s-somma ta' LM62 li huwa jghid li kienu flus tar-relief. Mela allura l-imputat kien ghadu kif nefaq Lm100 fuq droga u xorta kien ghad fadallu LM62, li jfisser illi dakinhar biss, kellu izjed flus milli kien jippercepixxi f'xahar shih. Dan apparti wkoll illi naturalment l-imputat kellu bzonn il-flus biex jghix, kien jabbuza wkoll mill-cannabis u allura kien jehtieglu jixtri din ukoll u kien anke jixtri l-ikel ghas-serp. Apparti minn hekk, l-imputat kellu fuqu mhux wiehed, izda zewg mobiles u in oltre kellu wkoll sim card ohra fil-kartiera tieghu – dan jerga' jinghad fir-rigward ta' persuna li jippercepixxi biss LM36 fil-gimgha –u in oltre gewwa r-residenza tieghu nstabet is-somma ulterjuri ta' LM360. F'dan ir-rigward l-imputat qal fl-istqarrija tieghu, illi dawn inghataw lilu minn habiba tieghu – certu Anna minn B'Kara – sabiex jiftah kawza civili. Veru li mill-atti jidher li fis-sena 2008 (allura sentejn wara dan il-kaz), l-imputat fetah kawza civili in konnessjoni mal-incident li kellu, izda minn imkien ma jirrizulta illi dawn il-flus effettivament inghataw lilu mill-habiba tieghu, kif jghid hu. Veru wkoll illi l-imputat igawdi mid-dritt tieghu tas-silenzju u li ma tista' ssir l-ebda inferenza negattiva f'dan ir-rigward. Biss min jallega jrid jipprova – principju dan li japplika kemm ghall-prosekuzzjoni, li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, kif wkoll ghad-difiza, li tehtieg li taghmel il-provi taghha biss sal-grad tal-probabbli. La darba l-imputat jghid li huwa ottjena dawn il-flus minghand il-habiba tieghu ghall-iskop imsemmi, allura kien jinkombi lid-difiza li tipprova dan il-fatt fuq bazi ta' probabilita', liema prova baqghet ma ngabitx.*

*Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti issib li l-Prosekuzzjoni ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat huwa hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu.*

*Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, kif diga' inghad, jirrizulta car illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu raza tal-cannabis fil-piz ta' 0.66 grammi u ghaldaqstant, din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.*

22. Huwa palezi li kull kaz huwa distint minn iehor u ghandu jkun deciz fuq il-mertu tieghu. Dan il-principju ghandu jkun applikat b'mod indiskriminat ghaliex altrimenti l-Qrati jsibu ruhom f'sitwazzjoni fejn tkun il-kwantita' tad-droga misjuba li tistrada l-kaz u mhux il-provi l-ohra li jistghu jinkolpaw jew jiskolpaw lill-imputat jew akkuzat. L-ammont ta' droga misjub fuq il-persuna tal-imputat odjern jistghu iwasslu ghall-sejbien ta' hitja daqs kemm jistghu ma jissodisfawx ir-rekwizit tal-prova 'l hinn minn kull dubju ragjonevoli. Huma ghalhekk il-provi l-ohra, diretti jew indizzjarji li jidderigu lill-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li ghandha tasal ghaliha. Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti ma strahitx biss fuq il-kwantita' ta' droga intercettata izda, b'mod inecepibbli, ghamlet analizi tac-cirkostanzi kollha migjuba ghall-konsiderazzjoni taghha;

23. Issa, jekk l-ewwel Qorti ma semmietx illi l-imputat kien u ghadu jghix ma' missieru u dan kwantu l-aspett ekonomiku fir-rigward tal-infieq u spejjez tieghu ma jfissirx b'daqshekk illi ma haditx kont ta' dan. Irid jinghad izda, illi la fid-

deposizzjoni tieghu, wisq anqas f'dik ta' missieru ma kien allegat illi dan tal-ahhar isostni lill-ibnu f'dak kollu li jirrikjedi. Gia fid-data ta' meta tressaq quddiem il-Qorti l-imputat kellu 28 sena u difficilment wiehed jahseb li dan kien sostenut kompletament minn missieru meta la l-imputat wisq anqas missieru ma qalu hekk meta kellhom l-okkazzjoni jaghmlu dan fid-deposizzjoni taghhom;

24. L-imputat josserva ukoll illi l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tar-raguni ghaliex kien jiehu d-droga eroina kawza ta' incident awtomobilistku li kellu konsegwenzi fit-tul fuq sahhtu. L-imputat huwa skorret f'dan ir-rigward ghaliex l-ewwel Qorti mhux talli hadet in konsiderazzjoni dan il-fatt "*li kien juza d-droga bhala self-medication wara incident serju li kellu*" talli ukoll mxiet b'kawtela meta ddikjarat hekk: "*Biss il-fatt illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputat kellu l-vizzju tad-droga, ma jeskludix necessarjament illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu*";

25. L-imputat jikritika ukoll lill-ewwel Qorti meta ddikjarat li l-imputat ma jistax jitwemmen ghaliex inqabad kemm il-darba f'dikjarazzjonijiet kontradittorji fid-deposizzjoni tieghu u elenkat dawn l-istanzi. Fosthom hemm l-incident meta kien mistoqsi minn fejn kien xtara d-droga u wiegeb illi ma jiftakarx u ghamel referenza ghad-deposizzjoni tal-Psikjatra Dr. Peter Muscat fejn spjega illi ghandu problema serja ta' memorja tant illi jkun nesa x'wiehed qallu hames minuti qabel. Ezaminati l-atti processwali huwa manifest illi fid-decizzjoni taghha jekk temminx jew le lill-imputat, l-ewwel

Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha wara ezami akkurat tal-provi u ma waslitx ghal din il-konkluzzjoni b'mod legger u din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fid-decizzjoni tal-ewwel Qorti in rigward;

26. Argument iehor li l-appellant iressaq ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti huwa dwar il-flus misjuba fil-*wallet* u fir-residenza tieghu. Jghid li kien hu li wera lill-Pulizija li kellu dak l-ammont ta' flus fil-post fejn joqghod u li dan kellu jimmilita favur tieghu anke jekk, ghal-ragunijiet personali, l-persuna li silfet dawn il-flejjes ghal-iskop biex jiftah kawza ma telghetx tixhed. Jghid illi konsegwenza tal-konfiska ta' dawn il-flejjes, huwa kellu jintavola ittra ufficcjali sabiex il-kwistjoni civili tieghu ma taqax in preskrizzjoni u kellu jistenna sentejn ohra sabiex ikollu bizzejjed flus biex jinizzja din il-kawza. Bid-dovut rigward, dan kollu kellu jkun dikjarat bil-gurament mill-imputat meta ghazel illi jixhed jew altrimenti migjub a konjizzjoni tal-Qorti tramite xhieda ohra u mhux permezz ta' sottomissjoni. Ezaminati l-fatti dwar din il-kwistjoni, tistaqsi din il-Qorti ghaliex l-imputat, la darba dizokkupat, ma rrikorriex ghall-assistenza tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali biex ikollu access ghall-Qorti Civili ? Minflok jallega li inghata dawn il-flus minghand persuna li kullma jiftakar hu isimha. Dan fih inniffsu jlissen element ta' inkredulita' da parti tal-appellant la darba ghazel illi jixhed;

27. L-ahhar argument mressaq mill-appellant hu li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha 'l hinn minn kull dubju ragjonevoli "*ghaliex ghalkemm sabet id-droga fuq il-persuna ta' l-esponent, din l-eroina kienet f'borza wahda,*

*u illi ghalkemm saret stripsearch fuq il-persuna tieghu u anke fir-residenza tieghu ma nstabu ebda oggetti relatati ma' traffikar ta' droga*". Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sejbien ta' droga f'borza wahda jista' jaghti lok ghal diversi xenarji. Pero' l-ewwel Qorti ma qaghditx fuq dan il-fatt wahdu u ghamlet analizi tal-assjem tal-fatti kollha biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha. Jekk l-imputat kien ghadu kemm xtara id-droga f'borza wahda u mhux maqsuma f'dozi gia mhejjija, dak ix-xenarju (fi kwantita bhal dik in disamina) jippresta sia l-ipotezi li persuna tkun xtrat id-droga bil-hsieb li tqassamha f'dozi u tispaccaha hi stess jew li zzomm dak l-ammont biex tikkunsmah ftit ftit kif jallega l-imputat appellant. Meta, izda jitqies li bniedem dizokkupat u jghix bir-*relief,* kien ghadu kemm xtara d-droga bi prezz ta' mitt lira maltin, llum mitejn u erbghin ewro; fil-wallet kien ghad fadallu madwar sitt lira maltin u fir-residenza tieghu instabu tlett mija u .... ohra; kien fil-pussess ta' zewg telefons cellulari u zxewg sim cards, kellu fil-wallet ukoll zewg karti tal-identita' ta' terzi persuni, in-nuqqas ta' sejbien ta' mizien jassumi importanza minima fl-assjem ta' dan ix-xenarju;

28. Huwa ghal din ir-raguni li jokkorri jkun kostantement mfakkar il-monitu wisq drabi mlissen li kull kaz ghandu jkun deciz fuq il-mertu tieghu. U fil-waqt illi ammont ta' droga jista' jkun indikattiv ta' intenzjoni ta' spacc f'kawza ohra jista' jitqies gustifikat li jitqies li kien intiz ghall-uzu esklussiv tal-persuna. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tirrimpjazzja d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Huwa inutili ghall-imputat li jghid illi l-minorenni cahad li l-imputat ittenta jbieghlu d-

droga ghaliex l-ewwel Qorti hadet dik ic-cahda in konsiderazzjoni meta lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni ta' traffikar u d-decizzjoni taghha f'ebda parti taghha ma tidher li tikkontempla sejbien ta' htija bazat fuq dak li qal l-minorenni;

29. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed ikun michud;

**It-tieni aggravju - dwar l-ispejjez peritali:**

30. F'dan l-aggravju, l-appellant jilmenta mill-fatt li kien ikkundannat ihallas l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada fl-ammont ta' €290.53 meta dan ma kienx espleta l-inkarigu tieghu wara li rrizulta li ma kienx hemm il-htiega li jezamina CD la darba l-minorenni ddikjara li ma kienx minnu li kien mhedded mill-imputat. L-atti processwali juru illi Dr. Martin Bajada kien imqabbad jagħmel rapport lill-Qorti f'zewg okkazzjonijiet. L-ewwel rapport kien dwar zewg telefons cellulari u sim card li kien intaxxat ufficjalment fl-ammont ta' €290.53 . Fl-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2010, il-Qorti kienet regghet hatret lil Dr. Martin Bajada biex iqabbel il-vuci tal-minuri ma' track ta' CD esebit. Fl-udjenza imbaghad tat-28 ta' Novembru, 2012, il-Qorti issospendiet l-inkarigu ta' Dr. Bajada peress illi l-minuri seta' jinkrimina ruhu. Fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2015, id-difiza rrinunzjat ghall-htiega tan-nomina ta' espert u ghalhekk il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr. Bajada;

**Obiter:**

32. Decizi dawn l-aggravji, l-Qorti issa ser taghmel referenza ghas-sottomissjonijet orali tal-abbli difensur tal-appellant Dr. Edward Gatt meta jaghmel referenza ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti u li hemm lok ghall-temperament fil-piena llum li l-appellant huwa bniedem riformat u tenut kont tal-ammont ta' droga in kwistjoni. Dwar dan irid jinghad, izda, illi din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' aggravji li ma humhiex parti mir-rikors tal-appell. Fi kliem iehor, f'dan l-istadju mhux permess li jkunu introdotti aggravji godda hlief f'kazijiet eccezzjonali. L-avukat difensur odjern tal-appellant dan jafu sew izda ttenta jirmedja ghan-nuqqas tal-avukat difensur precedenti li tintroduci aggravju fuq il-piena meta *ictu oculi* deherlu li potenzjalment kien hemm raguni bizzejjed ghar-riforma fil-piena. anke jekk dak l-aggravju dejjem huwa soggett ghad-decizzjoni ta' din il-Qorti;

32. Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti tista', kif fil-fatt qeda taghmel, tiddisponi mill-appell fuq dak li hu proceduralment permess. Pero' din hija Qorti tal-Gustizzja u ma tistax tghalaq ghajnejha ghall-hwejjeg bhal dawn fejn il-privazzjoni tal-liberta u l-hajja ta' persuna tkun kondizzjonata minn semplici ommissjoni ta' aggravju minghajr ma turi d-dizappunt taghha dwaru. Dan qed jinghad ukoll ghaliex il-kwistjoni odjerna titratta dwar erba (4) grammi eroina li din il-qorti, bhal dik ta' l-ewwel Grad qabilha hija morlament konvinta li kienu intizi ghall-ispacc sabiex l-appellant isostni il-vizzju tieghu. Haga din li hija dejjem kundabballi tkun xi tkun ir-raguni. Anke jekk kif wisq drabi ritenut, il-paraguni nhuma odjuzi, meta, izda, jitqies minn sentenzi tal-Qorti Kriminali li l-medja ta'

piena li tinghata f'kawzi ta' traffikar ta' kilo droga jew assocjazzjoni ghal-skop ta' traffikar ta' eroina jew kokaina hija ta' bejn sitt snin u tmien snin f'kazi ta' ammissjoni u bi qbil mal-Avukat Generali, il-kaz mertu ta' dan l-appell certament li kien iqanqal dibattitu serju dwar jekk il-piena erogata setghetx titqies bhala wahda sproporzjonata jew le. Almenu kienet issir dik id-diskussjoni f'kaz li tqanqal aggravju konsimili, izda mhux xejn. L-appellant, izda, kien imcahhad minn din l-opportunita';

33. Il-Qorti qed taghmilha cara illi bl-ebda mod ma hi qed ticcensura jew tikritika lill-ewwel Qorti dwar il-piena erogata u li dan taghmlu biss jekk u meta tirrizulta u biss wara ezami tal-fatti in rigward u biss wara li tisma liz-zewg partijiet. Qed taghmel dan l-obiter biss bhala raguni ghaliex ma tistax tiehu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-appellant dwar il-piena;

**Decide:**

34. Ventilat dan, u konsiderati l-aggravji kollha, ghar-ragunijiet moghtija *supra,* l-appell qed ikun michud.